**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 223/10VG**

**Romina Delicata Mohnani**

**Vs**

**Alfred Borg u Stephen Mackay**

**Illum 20 ta' Frar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Romina Delicata Mohnani fit-18 ta' Ġunju 2010 permezz ta' liema titlob li Alfred Borg u Stephen Mackay jiġu ikkundannati, flimkien u *in solidum* bejniethom, iħallsuha s-somma ta' erbat elef erba' mija u sittax-il Euro u sitta u sittin ċenteżmu (€4,416.66) rappreżentanti l-konsiderazzjoni dovuta minnhom bil-quddiem għall-konċessjoni mogħtija lilhom għall-ġestjoni tal-fond kummerċjali bl-isem "Kismet" esternament immarkat bin-numru erbatax (14) f'Misraħ il-Ħelsien, Valletta, għall-perijodu bejn l-1 ta' Novembru 2009 sal-31 ta' Marzu 2010 ai termini tal-kuntratt tal-25 ta' April 2005, bl-imgħax legali dekoribbli mill-1 ta' Novembru 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet "Romina Delicata Mohnani v. Alfred Borg et" ippreżentat kontestwalment mar-Rikors, kontra Alfred Borg u Stephen Mackay flimkien u *in solidum* bejniethom;

Rat l-iskrittura privata datata 25 ta' April 2005 esebita mill-attriċi bħala Dok. "A" flimkien mar-Rikors promotur a fol. 2 sa' 6 tal-proċess;

Rat ir-Risposta tal-konvenuti Alfred Borg u Stephen Mackay permezz ta' liema jopponu għat-talba attriċi in bażi għas-segwenti: (i) in linea preliminari, l-inkompetenza ta' din il-Qorti *rationae materiae* stante li l-kwistjonijiet mertu ta' din il-kawża huma konnessi ma' kuntratti ta' kiri ta' fond urban u għaldaqstant a tenur ta' l-Artikolu 1525(1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa *l-Bord li Jirregola l-Kera … maħtur bis-saħħa ta' l-Ordinanza*

*li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini li għandu kompetenza esklussiva li jiddeċiedi* l-imsemmija kwistjonijiet; (ii) mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari u fil-mertu, l-attriċi ma kellha l-ebda dritt li tissulloka, għaliex għalkemm fil-kuntratt *de quo* ma ntużatx il-kelma sullokazzjoni in realtà hekk kien il-każ, il-fond bl-isem "Kismet" esternament immarkat bin-numru erbatax (14), f'Misraħ il-Ħelsien, Valletta, mikri lilha mill-Gvern u għalhekk m'għandha l-ebda dritt tiġbor xi kera mingħandhom; (iii) mis-somma mitluba għandha titnaqqas is-somma ta' €1,745.81 arretrati ta' kera dovuti mill-attriċi lill-Gvern u liema arretrati ta' kera tħallsu minnhom; u (iv) salvi eċċezzjonijiet ulterjuri u b'riserva għal kull azzjoni spettanti lilhom kontra l-attriċi, inkluż dik għar-rifjużjoni ta' kera mħallsa lilha minnhom matul is-snin għall-ħanut *de quo*;

Rat id-dokument markat Dok. "B" esebit mill-attriċi permezz ta' Nota ippreżentata fid-29 ta' Novembru 2010 a fol. 22 u 23 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tal-konvenut Alfred Borg mogħtija waqt is-seduti tad-29 ta' Novembru 2010[1] u tas-7 ta' Frar 2011[2] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "AB1" a fol. 31 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Albert Mamo[3], Kummissarju ta' l-Artijiet, u tal-konvenut Stephen Mackay[4] mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2011 u rat id-dokument markat Dok. "SM1" esebit mill-konvenut Stephen Mackay a fol. 30 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-attriċi mogħtija waqt is-seduti tas-16 ta' Jannar 2012[5] u ta' l-14 ta' Lulju 2015[6] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "RDM1" sa' Dok. "RDM3" a fol. 45 sa' 48 tal-proċess, rat id-dokument markat Dok. "PL1" a fol. 43 u 44 tal-proċess, rat l-affidavit ta' l-attriċi u d-dokumenti annessi miegħu markati Dok. "RDM1" sa' Dok. "RDM7" esebiti mill-istess attriċi permezz ta' Nota ppreżentata fit-13 ta' April 2015 a fol. 87 sa' 105 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Helen Farrugia, rappreżentant tal-Kummissarju ta' l-Artijiet mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju 2015[7] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "HF1" sa' Dok. "HF9" a fol. 110 sa' 126 tal-proċess u rat id-dokument esebit mill-attriċi permezz ta' Nota ppreżentata fl-24 ta' Novembru 2015 a fol. 140 u 141 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti relattivament għall-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti *rationae materiae* a fol. 52 sa' 61 tal-proċess u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva ta' l-attriċi relattivament għall-istess imsemmija eċċezzjoni a fol. 63 sa' 68 tal-proċess;

Rat is-sentenza pronunċjata minn din il-Qorti fid-9 ta' April 2013[8] permezz ta' liema ġiet miċħuda l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti *rationae materiae*

---

[1] Fol. 24 u 25 tal-proċess.
[2] Fol. 36 tal-proċess.
[3] Fol. 32 sa' 35 tal-proċess.
[4] Fol. 37 u 38 tal-proċess.
[5] Fol. 49 u 50 tal-proċess.
[6] Fol. 135 sa' 138 tal-proċess.
[7] Fol. 127 sa' 133 tal-proċess.
[8] Fol. 72 sa' 79 tal-proċess.

sollevata mill-konvenuti, liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza pronunċjata fid-9 ta' Lulju 2014[9];

Rat l-atti ta' l-appell fl-ismijiet "Romina Delicata Mohnani v. Alfred Borg et", Rik. Nru. 223/10 deċiż b'sentenza pronunċjata fid-9 ta' Lulju 2014, annessi ma' l-atti ta' dawn il-proċeduri;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-partijiet kontendenti dwar il-mertu tal-proċeduri;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni l-attriċi titlob li l-konvenuti Alfred Borg u Stephen Mackay jiġu kkundannati, flimkien u *in solidum* bejniethom, iħallsuha s-somma ta' €4,416.66 rappreżentanti l-konsiderazzjoni dovuta minnhom bil-quddiem għall-konċessjoni mogħtija lilhom għall-ġestjoni tal-fond kummerċjali bl-isem "Kismet" esternament immarkat bin-numru 14 f'Misraħ il-Ħelsien, Valletta, għall-perijodu bejn l-1 ta' Novembru 2009 sal-31 ta' Marzu 2010 ai termini tal-kuntratt tal-25 ta' April 2005. Il-konvenuti laqgħu għat-talba attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) in linea preliminari, l-inkompetenza ta' din il-Qorti *rationae materiae* stante li l-kwistjonijiet mertu ta' din il-kawża huma konnessi ma' kuntratti ta' kiri ta' fond urban u għaldaqstant a tenur ta' l-Artikolu 1525(1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa *l-Bord li Jirregola l-Kera ... maħtur bis-saħħa ta' l-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini li għandu kompetenza esklussiva li jiddeċiedi* l-imsemmija kwistjonijiet; (ii) mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari u fil-mertu, l-attriċi ma kellha l-ebda dritt li tissulloka, għaliex għalkemm fil-kuntratt *de quo* ma ntużatx il-kelma sullokazzjoni in realtà hekk kien il-każ, il-fond bl-isem "Kismet" esternament immarkat bin-numru erbatax (14), f'Misraħ il-Ħelsien, Valletta, mikri lilha mill-Gvern u għalhekk m'għandha l-ebda dritt tiġbor xi kera mingħandhom; (iii) mis-somma mitluba għandha titnaqqas is-somma ta' €1,745.81 arretrati ta' kera dovuti mill-attriċi lill-Gvern u liema arretrati ta' kera tħallsu minnhom; u (iv) salvi eċċezzjonijiet ulterjuri u b'riserva għal kull azzjoni spettanti lilhom kontra l-attriċi, inkluż dik għar-rifjużjoni ta' kera mħallsa lilha minnhom matul is-snin għall-ħanut *de quo*.

L-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti *rationae materiae* ġiet trattata u deċiża - u dana billi ġiet miċħuda - b'sentenza pronunċjata minn din il-Qorti fid-9 ta' April 2013[10], liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza pronunċjata fid-9 ta' Lulju 2014[11]. Isegwi għalhekk jifdal

[9] Fol. 42 sa' 60 ta' l-atti proċesswali ta' l-appell fl-ismijiet "Romina Delicata Mohnani v. Alfred Borg et" Rik. Nru. 223/10 annessi ma' l-atti ta' dawn il-proċeduri.
[10] Fol. 72 sa' 79 tal-proċess.
[11] Fol. 42 sa' 60 ta' l-atti proċesswali ta' l-appell fl-ismijiet "Romina Delicata Mohnani v. Alfred Borg et" Rik. Nru. 223/10 annessi ma' l-atti ta' dawn il-proċeduri.

issa li tiġi trattata u deċiża l-azzjoni attriċi fil-mertu fid-dawl tat-tieni u tat-tielet eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti.

Kif jirriżulta minn dak iktar 'l fuq osservat il-konvenuti jissollevaw is-segwenti żewġ eċċezzjonijiet fil-mertu u cioè li l-attriċi ma kellha l-ebda dritt li tissulloka, għaliex għalkemm fil-kuntratt *de quo* ma ntużatx il-kelma sullokazzjoni in realtà hekk kien il-każ, il-fond bl-isem "Kismet" esternament immarkat bin-numru 14, f'Misraħ il-Ħelsien, Valletta, mikri lilha mill-Gvern u għalhekk m'għandha l-ebda dritt tiġbor xi kera mingħandhom u li mis-somma mitluba għandha titnaqqas is-somma ta' €1,745.81 arretrati ta' kera dovuti mill-attriċi lill-Gvern u liema arretrati ta' kera tħallsu minnhom.

Mill-provi prodotti jirriżultaw is-segwenti fatti:

- In forza ta' skrittura privata datata 17 ta' Novembru 1972, il-Kummissarju ta' l-Artijiet, bl-awtorizzazzjoni tal-Gvern ta' Malta, kera lil Kishenchand, Bulchand u Joseph Mohnani l-fond Nru. 30/31, Kingsway, Valletta, għall-perijodu ta' tmien snin di fermo u tmien snin di rispetto verso tal-kera ta' Lm900 fis-sena, pagabbli f'żewġ rati ndaqs fl-ewwel ġurnata tax-xogħol ta' Jannar u Lulju ta' kull sena, u dan taħt il-pattijiet kondizzjonijiet stipulati fl-imsemmi ftehim[12];
- Kishenchand, Bulchand u Joseph Mohnani huma aħwa u Kishenchand Mohnani huwa missier l-attriċi[13];
- A tenur tal-Klawsola 16 ta' l-iskrittura ta' lokazzjoni datata 17 ta' Novembru 1972, *il-kerrej ma jistax iċedi din il-kirja jew jissulloka l-fond, sew kollu kemm hu jew biċċa minnu jew jidħol fi sħubija dwar il-fond*[14]*;*
- Maż-żmien Kishenchand Mohnani laħaq l-età ta' l-irtirar u l-attriċi talbet lill-Kummissarju ta' l-Artijiet sabiex jirrikonoxxiha bħala inkwilin minflok missierha, liema rikonoxximent ġie aċċettat u sar permezz ta' ittra datata 11 ta' Novembru 2004 fejn appuntu l-attriċi ġiet infurmata li *d-Dipartiment irrikonoxxik bħala inkwilina tal-ħanut fuq imsemmi, in solidum mas-sinjuri Bulchand Mohnani u Joseph Mohnani minflok missierek Kishinchand Mohnani li għandu 'l fuq minn 61 sena. Peress li l-kirja kienet mogħtija fl-1971 bil-kera ta' Lm900.00 fis-sena, is-sehem tiegħek mill-kera huwa ta' Lm399.30 (żieda ta' 10% kull għaxar snin mill-bidu tal-kirja) filwaqt li ż-żewġ persuni l-oħra jħallsu Lm300.00 kull wieħed*[15]*;*
- Permezz ta' skrittura privata datata 25 ta' April 2005, l-attriċi kkonċediet lill-konvenuti Alfred Borg u Stephen Mackay *the right to operate the shop styled Kismet at 14, Misraħ il-Ħelsien, Valletta*, għall-perijodu ta' sena b'effett mill-1 ta' Mejju 2005, prorogabbli b'perijodi ulterjuri ta' sena kull wieħed sakemm il-konvenuti fi żmien tlett xhur qabel l-għeluq tas-sena kurrenti ma jagħtux avviż bil-miktub li ma jkunux intenzjonati jġeddu tali terminu ta' sena, u verso

[12] Fol. 111 sa' 113 tal-proċess.
[13] Affidavit ta' l-attriċi a fol. 88 sa' 92 tal-proċess.
[14] Fol. 113 tal-proċess.
[15] Fol. 116 tal-proċess.

l-konsiderazzjoni ta' Lm4,000 għall-ewwel sena, ta' Lm4,365 wara l-iskadenza ta' l-ewwel sena, liema konsiderazzjoni tiżdied skond iż-żieda fl-għoli tal-ħajja għal kull sena sussegwenti li l-konċessjoni tiġi mġedda u taħt il-pattijiet u kondizzjonijiet stipulati fl-imsemmi ftehim[16];

- Matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 2009 il-Gvern ħabbar li kien ser isir żvilupp f'Bieb il-Belt u għalhekk il-ħwienet sitwati hemm kellhom jiġu vakati u l-pussess vakanti tagħhom ritornat lill-Gvern ta' Malta[17];
- Minħabba tali proġett il-kirjiet kummerċjali konċessi mill-Kummissarju ta' l-Artijiet ma ġewx ulterjorment imġedda wara l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2009[18];
- Minn spezzjonijiet li għamel id-Dipartiment ta' l-Artijiet fil-fondi kummerċjali konċessi b'titolu ta' lokazzjoni f'Misraħ il-Ħelsien, Valletta, irriżulta li numru minnhom ma kienux okkupati mill-inkwilini oriġinali iżda kienu okkupati minn sub-inkwilini jew minn terzi b'*management agreements*[19];
- Peress illi l-Gvern kien jaf li l-proġett kien se jibda iktar tard minn dak oriġinarjament ippjanat, l-okkupanti tal-ħwienet ġew infurmati li għalkemm il-kirjiet intemmew b'effett mill-31 ta' Diċembru 2009, huma kienu qed jingħataw l-fakoltà li jibqgħu in okkupazzjoni ta' l-istess ħwienet sa' April 2010. Ġie ulterjorment deċiż li l-okkupanti tal-ħwienet effettwati bil-proġett kienu se jingħataw kumpens *ex gratia* mill-Gvern[20];
- Il-ħanut mertu ta' dawn il-proċeduri kien wieħed minn dawk il-ħwienet li fiż-żmien meta tħabbar il-proġett ta' Bieb il-Belt fl-2009, ma kienx okkupat mill-inkwilini oriġinali, ossia minn Mohnani, imma kien okkupat minn terzi, u cioè il-konvenuti Alfred Borg u Stephen Mackay[21];
- Permezz ta' fethim bejn il-Kummissarju ta' l-Artijiet u l-konvenut Alfred Borg datat 22 ta' Marzu 2010, ġie stipulat u miftiehem illi: *permezz tal-preżenti ftehim fid-dawl tal-proġett ta' Bieb il-Belt, is-Sur Alfred Borg (ID 702951M) li huwa l-okkupant ta' Ħanut Numru 14 Pjazza Ħelsien Valletta qed jiddikjara li jaċċetta, u dan għas-saldu, is-somma ta' ħamsa u sebgħin elf ewro (€75,000) mingħand il-Kummissarju ta' l-Artijiet in rappreżentanza ta' kumpens ex gratia li l-Gvern ser iħallsu minħabba li n-negozju tiegħu mill-ħanut imsemmi mhux ser ikun aktar possibbli li jibqa' jopera appena jibda l-imsemmi proġett ta' Bieb il-Belt. Is-Sur Alfred Borg qed jagħmilha ċara li jirrifjuta kwalsiasi talba għal xi forma oħra jew addizzjonali ta' kumpens apparti l-imsemmija somma ex gratia mertu ta' din l-iskrittura u ftehim. Di più s-Sur Alfred Borg qed jintrabat li jirritorna iċ-ċwievet ta' l-imsemmi Ħanut numru 14, Pjazza Ħelsien, Valletta, lill-Kummissarju ta' l-Artijiet sa' mhux iktar tard minn nofsinhar tas-26 ta' Marzu 2010. Fin-nuqqas li jagħmel dan sad-data imsemmija, is-Sur Alfred Borg qed*

[16] Fol. 2 sa' 6 tal-proċess.
[17] Affidavit ta' l-attriċi a fol. 88 sa' 92 tal-proċess.
[18] Xhieda ta' Albert Mamo, Kummissarju ta' l-Artijiet, mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2011, fol. 32 sa' 35 tal-proċess.
[19] *Ibid.*
[20] *Ibid.*
[21] Affidavit ta' l-attriċi a fol. 88 sa' 92 tal-proċess u x-xhieda tal-konvenuti Alfred Borg u Stephen Mackay rispettivament mogħtija waqt is-seduti tad-29 ta' Novembru 2010 a fol. 24 u 25 tal-proċess u tas-7 ta' Frar 2011 a fol. 37 u 38 tal-proċess.

*jirrikonoxxi li l-Kummissarju ta' l-Artijiet għandu kull jedd, awtorità u poter li jagħmel dak kollu possibbli skond il-liġi sabiex il-Gvern ikun jista' jibda l-proġett ta' Bieb il-Belt, inkluż it-twaqqiegħ tal-Ħanut numru 14, Pjazza Ħelsien, Valletta. Fl-eventwalità ta' nuqqas ta' ritorn taċ-ċwievet da parti tas-Sur Alfred Borg lill-Kummissarju ta' l-Artijiet sad-data tas-26 ta' Marzu 2010, ikun iddekada mill-jedd li jippretendi kwalsiasi forma ta' kumpens ex gratia jew le, mingħand il-Kummissarju ta' l-Artijiet. Il-Gvern qed jintrabat li jħallas dan il-kumpens sa' mhux aktar tard minn tlett (3) xhur mid-data tal-preżenti. Min-naħa tiegħu, is-Sur Alfred Borg (ID 70295M) qiegħed jintrabat li jibqa' jżomm l-impjegati li għandu miegħu fil-ħanut u li jimpjegahom f'partijiet oħra tan-negozju tiegħu*[22];

- L-istess ftehim identiku, ukoll datat 22 ta' Marzu 2010, ġie ffirmat bejn il-Kummissarju ta' l-Artijiet u l-konvenut Stephen Mackay u Karen Mackay[23];
- Il-konvenuti vvakaw il-ħanut in kwistjoni u fit-23 ta' Ġunju 2010 huma tħallsu l-kumpens *ex gratia* mwiegħed lil kull wieħed minnhom u da parte tagħhom ħallsu lill-Kummissarju ta' l-Artijiet arretrati fl-ammont ta' €1,163.87[24];
- L-aħħar skadenza ta' kera mħallsa mill-attriċi lill-Kummissarju ta' l-Artijiet kienet għall-perijodu 01.01.09 sa' 30.06.09 u matul l-2010 hija ma ħallset l-ebda kera in kwantu kienet infurmata li tul tali sena l-Kummissarju ta' l-Artijiet ma kienx ser jaċċetta iktar ħlasijiet relattivi għall-fondi kummerċjali li kienu mikrija f'Pjazza Ħelsien, Valletta[25].

Għalkemm l-attriċi persistentement tisħaqq li l-ftehim milħuq mal-konvenuti ma kienx sullokazzjoni tal-ħanut Nru.14, f'Misraħ il-Ħelsien, Valletta, kif minnhom pretiż, iżda kien *operation agreement* relattiv għan-negozju ġestit mill-imsemmi ħanut, u dana anke fl-affidavit tagħha ppreżentat fit-13 ta' April 2005[26], din il-pretensjoni partikolari ta' l-attriċi ġià ġiet trattata u determinata fis-sentenza dwar l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' din il-Qorti *rationae materiaw* deċiża fid-9 ta' April 2013 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza pronunċjata fid-9 ta' Lulju 2014.

Fl-imsemmija sentenza tad-9 ta' April 2013 ingħad u ġie deċiż illi: *kif ġustament osservat mill-konvenuti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, sabiex jiġi determinat x'kienet il-vera natura tal-ftehim milħuq bejnhom u l-attriċi jeħtieġ li din il-Qorti tħares lejn is-sustanza tal-ftehim innfisu. In effetti huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li f'tali eżerċizzju il-Qorti għandha tħossha libera li ma tintrabatx mal-figura ġuridika li l-partijiet kontraenti jogħġobhom jagħtu lill-ftehim tagħhom imma għandha teżamina fil-fatt x'għamlu u fuq is-sustanza li tirriżulta tapplika n-nomen juris u l-liġi. ... Hi effettivament enunzjazzjoni siewja dik li ssostni illi "la natura di un contratto e gli effetti legali che ne risultano non si determinano dalla sua denominazione, o dalla qualità assunta dai contraenti ma dalla sostanza dello*

[22] Fol. 121 tal-proċess.
[23] Fol. 122 tal-proċess.
[24] Fol. 123 u 124 tal-proċess.
[25] Fol. 140 u 141 tal-proċess.
[26] Fol. 88 sa' 92 tal-proċess.

*stesso e dello scopo che se ne ebbe stipulando, non che da altri atti che ne fanno riferenza se ve ne sono". Il-kwistjoni dwar jekk it-trasferiment tal-fond lokat mill-inkwilin lil terzi jikkostitwixxi sullokazzjoni tal-fond jew cessjoni ta' l-inkwilinat ġiet diversi drabi trattata mill-Qrati nostrali u l-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza in materia huma s-segwenti: L-inkwilin ma kienx tenut li jiġġestixxi n-negozju fil-fond lilu lokat personalment u seta' hekk jagħmel tramite s-servizzi ta' ħaddieħor. Dan kif inhu risaput jista' jsir b'diversi modi mhux biss bl-impjieg ta' persuni biex jikkonduċu l-operazzjoni kummerċjali imma wkoll billi l-inkwilin jassoċja miegħu persuni oħra għal dan il-fini f'arranġamenti li jistgħu jieħdu varji forom. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet "Vincenzo Camilleri v. Carmelo Tabone nomine", deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' April 1962, "il-liġi tipprojbixxi illi l-kerrej mingħajr il-kunsens espress tas-sid, jissulloka l-fond jew iċedi l-inkwilinat tiegħu, imma ma tipprojbix illi l-kerrej jiġġestixxi l-ħanut mikri lilu permezz ta' ħaddieħor, jew li jassoċja miegħu lil ħaddieħor fin-negozju ta' dak il-ħanut, u l-fatt li l-inkwilin jinsab imsiefer minħabba mard u l-ħanut li għandu Malta jinsab ġestit minn terza persuna bi ftehim ta' assoċjazzjoni miegħu, ma jfissirx tabilfors li dak l-inkwilin issulloka l-fond lil dik it-terza persuna jew ċedielha l-inkwilinat tal-ħanut. Ma jistax jingħad li kien hemm sullokazzjoni jew ċessjoni ta' l-inkwilinat jekk ma jiġux pruvati l-elementi ta' dawn il-figuri ġuridiċi; u jekk ma jiġux pruvati dawn l-elementi ma tistax tiġi akkolta t-talba tal-lokatur għar-ripresa ta' pussess ta' dak il-ħanut bażata fuq l-allegata sullokazzjoni jew ċessjoni ta' inkwilinat"; Sakemm jiġi stabbilit l-interess pesonali ta' l-intimat fin-negozju u fil-ħanut fejn dan hu ġestit u jirriżulta wkoll element ta' kontroll fuq il-ġestjoni, ma tista' tirriżulta ebda sullokazzjoni. A contrariu sensu, fejn dak l-interess personali ma hemmx, il-konklużjoni tkun bil-maqlub; Jekk [il-Qorti] issib illi il-kerrej effettivament qata' r-rabta mal-fond mikri għax ċeda n-negozju, għalkemm mhux ukoll formalment il-kiri, lil terzi, mela għandha ssib ukoll illi effettivament, għalkemm mhux formalment, ċeda il-kiri wkoll. Dan ma jfissirx illi kerrej ma jistax iqabbad lil ħaddieħor bħala institur biex imexxilu in-negozju, iżda n-negozju, bir-riskji u l-benefiċċi tiegħu, għandu jibqa' tal-kerrej. Jekk in-negozju jgħaddih lil ħaddieħor, tkun biss interpretazzjoni artifiċjali u formalistika li tgħid li miegħu ma għaddiex ukoll l-interess fil-kiri tal-fond fejn dak in-negozju ikun ġestit; Ikun hemm sullokazzjoni tal-kirja meta l-inkwilin jgħaddiha lil terz. Għalkemm fid-deher l-inkwilin ikun żamm il-permessi ta' fond kummerċjali fuqu u jibqa' jħallas/jiddepożita l-kera, ikun hemm xorta waħda sullokazzjoni jekk it-tgawdija u l-pussess tan-negozju għaddihom lil terz. Il-kontenut ta' management agreement bejn l-inkwilin u it-terz huwa res inter alios acta għal dak li jirrigwarda s-sid u ċertament ma jistax jippreġudika l-posizzjoni tiegħu; u l-patt li wieħed mill-partijiet jassenja lill-parti l-oħra kwota tal-profitti tal-ħanut mhiex biżżejjed biex jikkostitwixxi soċjetà jew assocjazzjoni bejn dawk iż-żewġ persuni. ... Għalhekk jekk il-kerrej jitlaq l-eżerċizzju tal-ħanut lill-ħaddieħor, li tobbliga ruħha li tħallas lil dak il-kerrej sehem mill-profitti mingħajr ma jissemma xejn li dak l-inkwilin għandu jbati sehem mill-perditi eventwali ta' dak il-ħanut ma jistax jiġi ritenut li l-intenzjoni kienet li jifformaw soċjetà jew assocjazzjoni bejniethom, iżda tirriżulta l-figura ta'*

*lokazzjoni u r-rata ta' profitti stabbilita favur l-inkwilin tirrappreżenta l-prezz ta' l-istess lokazzjoni.* ***Meta l-import tal-ftehim tal-25 ta' April 2005 konkluż bejn l-attriċi u l-konvenuti jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi appena ċitati jirriżulta b'mod ċar li kuntrarjament għal dak pretiż mill-attriċi u indikat fl-istess ftehim, il-konvenuti ma ġewx konċessi l-ġestjoni tal-fond kummerċjali "Kismet" Nru. 14, Misraħ il-Ħelsien, Valletta, permezz ta' operation agreement iżda dak l-istess fond ġie lilhom sullokat mill-attriċi***[27]. *Mid-diversi kondizzjonijiet stipulati fl-imsemmi ftehim joħroġ ċar li l-attriċi ma kenitx qed tiġġestixxi l-fond in kwistjoni tramite s-servizzi tal-konvenuti stante li huma la kienu impjegati tagħha u lanqas minnha nominati bħala istuturi tagħha. Apparte minnhekk bis-saħħa tal-Klawsola Numru 15 tal-ftehim il-partijiet kontraenti speċifikatament ipprovdew li 'nothing in this agreement shall create, or be deemed to create, a partnership between the parties'. Il-konvenuti kienu unikament u esklussivament responsabbli għal dak kollu li kellu x'jaqsam ma' l-eżerċizzju tan-negozju jew aħjar negożji minnhom ġestiti mill-fond in kwistjoni u huma biss u mhux ukoll l-attriċi kienu esposti għar-riskju/riskji assoċjati ma' tali negozju. In effetti bis-saħħa tal-Klawsola 4 ta' l-iskrittura privata l-partijiet kontraeni ftehmu li 'the SECOND PARTIES [ossia l-konvenuti] shall conduct their business at their own risk and expense without any cost to the FIRST PARTY [l-attriċi]. The SECOND PARTIES shall pay for all services, including those relating to water, electricity and telephone. Furthermore, and subject to what is stated elsewhere in this agreement, it shall be the SECOND PARTIES' responsibility to effect such non-structural alterations in the SHOP in order to be able to use it for their requirements' u bis-saħħa tal-Klawsola Numru 11 tal-fethim il-partijiet ipprovdew illi 'all licences and permits required under any laws and regulations in connection with the operation of the SHOP by the SECOND PARTIES shall be obtained by the FIRST PARTY at the SECOND PARTIES' expense'. Għalkemm l-attriċi żammet il-permessi tal-ħanut f'isimha u setgħet baqgħet tħallas il-kera lil sid il-fond - ossia l-Gvern ta' Malta - huwa evidenti li hija qatgħet kull rabta li seta' kellha mal-fond u ma kellha l-ebda interess personali fin-negozju ġestit mill-istess fond - tant illi lanqas żammet favur tagħha d-dritt ta' spezzjonijiet perjodiċi tal-fond tul it-terminu tal-konċessjoni. Lanqas ma kellha xi forma ta' kontroll fuq il-ġestjoni tan-negozji ġestiti mill-konvenuti minn dak il-fond. Dana kollu jinsab ikkonfermat mill-attriċi stess li waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2012 iddikjarat illi "I was not involved in the operation of the shop itself. I sometimes voiced certain issues which I had regarding the dècor however, we came to an agreement. I had no say or right to take any part of the profits made from this shop; my only interest was the collection of the consideration which they were paying me".* ***B'hekk kull korrispettiv li l-attriċi kienet tirċievi mingħand il-konvenuti u li tiegħu titlob il-ħlas b'dawn il-proċeduri ma huwiex ħlas għas-sempliċi ġestjoni tal-fond kummeċjali "Kismet" Nru. 14, Misraħ il-Ħelsien, Valletta, da parte tal-konvenuti kif minnha affermat, iżda***

[27] Enfasi tal-Qorti.

***huwa ħlas għall-lokazzjoni jew aħjar sullokazzjoni da parte tagħha ta' l-imsemmi fond favur il-konvenuti bis-saħħa ta' l-iskrittura privata datata 25 ta' April 2005***[28].

Ladarba jinsab stabbilit bis-sentenza tas-6 ta' April 2013 illi l-ftehim bejn l-attriċi u l-konvenuti ffirmat fil-25 ta' April 2005 kien effettivament ftehim ta' sullokazzjoni u mhux *operation agreement* kif minnha pretiż, huwa għal kollox inutili għall-attriċi li tibqa' tinsisti li targumenta mod ieħor.

Stabbilit li l-ftehim bejn l-attriċi u l-konvenuti kien wieħed ta' sullokazzjoni jeħtieġ issa jiġi determinat kif in-natura ġuridika ta' tali ftehim teffettwa l-pretensjoni ta' l-attriċi fil-konfront tal-konvenuti għall-ħlas tas-somma ta' €4,416.66 fid-dawl tal-fatt illi l-Gvern ta' Malta - sid il-ħanut in kwistjoni - kien ittermina l-kirja konċessa lill-attriċi b'effett mill-31 ta' Diċembru 2009.

Jiġi ribadit illi matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 2009 il-Gvern ħabbar li kien ser isir żvilupp f'Bieb il-Belt u l-fondi kummerċjali sitwati hemm kellhom jiġu vakati u l-pussess vakanti tagħhom ritornat lill-Gvern ta' Malta. Minħabba tali proġett il-kirjiet konċessi mill-Kummissarju ta' l-Artijiet ma ġewx ulterjorment imġedda wara l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2009 iżda peress illi l-Gvern kien jaf li l-proġett kien se jibda iktar tard minn dak oriġinarjament ippjanat, għad illi l-kirjiet ġew terminati fil-31 ta' Diċembru 2009, l-okkupanti tal-ħwienet, li f'ħafna każijiet ma kienux l-inkwilini oriġinali iżda sub-inkwilini jew terzi li dħalu f'management agreements ma' l-inkwilini, kienu se jitħallew in okkupazzjoni ta' l-istess fondi sa' April 2010.

Fir-rigward Albert Mamo, li fiż-żmien pertinenti għall-mertu ta' dawn il-proċeduri kien il-Kummissarju ta' l-Artijiet, iddikjara li: *peress illi l-Gvern kellu bżonn il-ħwienet kollha f'Misraħ il-Ħelsien minħabba l-proġett ta' Renzo Piano, il-kirja ta' dan il-ħanut, kif ġara fil-każ tal-ħwienet l-oħra kollha, ma ġietx imġedda. F'dan il-każ ma ġietx imġedda wara l-31 ta' Diċembru 2009. Għalkemm il-Gvern ma kienx obbligat jagħti alternative premises lill-inkwilini ta' dawn il-ħwienet, xorta waħda saru spezzjonijiet fl-istess ħwienet għar-raġuni li konna nafu li wħud mill-ħwienet ma kienux okkupati mill-inkwilin oriġinali iżda jew minn sub-inkwilini jew inkella b'nies b'management agreements. Peress li l-Gvern kien jaf li l-proġett kien ser jibda kemm kemm tard, l-inkwilini ta' dawn il-ħwienet ġew avżati li għalkemm it-terminazzjoni kienet b'effett mill-31 ta' Diċembru 2009, huma setgħu jibqgħu in okkupazzjoni ta' dawn il-ħwienet sa' April 2010*[29]. In kontro-eżami Albert Mamo ddikjara ulterjorment illi *l-attriċi f'dawn il-proċeduri fetħet proċeduri fil-konfront tal-Kummissarju ta' l-Artijiet fir-rigward tal-kumpens imħallas lill-konvenuti u dawn il-proċeduri nfetħu għaliex l-attriċi tippretendi li l-kumpens kien dovut lilha. Inspections kienu saru aktar minn darba probabilment darbtejn jew tlieta. L-ewwel waħda kienet saret għall-ħabta ta'*

[28] Enfasi tal-Qorti.
[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2011, fol. 32 sa' 35 tal-proċess.

*Novembru jew Diċembru 2009. Kien hemm korrispondenza ma' Mohnani fis-sens illi n-notice of non-renewal intbagħtet lil Mohnani u meta kienet ittieħdet id-deċiżjoni li ma jkunx hemm żgumbrament effettiv iżda jistgħu jibqgħu hemmhekk, inbagħtet ittra lil Mohnani wkoll. Ma jidhirlix li kien hemm laqgħat ma' Mohnani. Il-probabilità li t-tieni ittra fejn kien hemm il-concession li jibqgħu in okkupazzjoni tal-ħanut, kienet inħarġet żbaljatament a favur Mohnani*[30].

L-attriċi stess tikkonferma u taċċetta li l-kirja konċessa lilha mill-Kummissarju ta' l-Artijiet tal-ħanut Nru.14, Kismet, Misraħ il-Ħelisen, Valletta, ġiet terminata fl-aħħar ta' l-2009 u di fatti fin-Nota minnha ppreżentata fl-24 ta' Novembru 2015[31] tiddikjara li: *permezz tagħha qed tesebixxi d-dokument hawn anness bħala Dok. AS1*[32] [riċevuta maħruġa mid-Dipartiment ta' l-Artijiet relattivament għall-ħlas tal-kera għall-perijodu 01.01.09 sa' 30.06.09] *u tiddikjara li tali dokument jirrifletti l-aħħar pagament li hija għamlet lill-Kummissarju ta' l-Artijiet in konnessjoni mal-kirja tal-fond de quo* ***billi matul l-2010 hija ġiet infurmata li l-istess Kummissarju ma kienx għadu jaċċetta ħlasijiet għall-kirjiet ta' fondi milquta mill-Proġett ta' Bieb il-Belt***[33].

Ladarba l-kirja tal-ħanut Nru.14, Kismet, Misraħ Ħelsien, Valletta, konċessa mill-Kummissarju ta' l-Artijiet lill-attriċi ġiet terminata u b'hekk mhux imġedda ulterjorment b'effett mill-31 ta' Diċembru 2009, isegwi li l-pretensjoni ta' l-attriċi għall-ħlas tal-kera dovuta lilha mill-konvenuti ai termini ta' l-iskrittura privata datata 25 ta' April 2005 hija limitata biss għax-xhur ta' Novembru u Diċembru 2009. Din l-osservazzjoni u konsegwenti konklużjoni tal-Qorti hija bbażata fuq il-prinċipji ġuridiċi assodati in materja li *fil-każ ta' sub-inkwilinat ma jinħoloqx inkwilin ġdid imma sub-affitarju li r-relazzjoni tiegħu tkun ma' l-inkwilin u mhux mas-sid (Tereza Chircop v. Salvino Attard, Appell, 31 ta' Jannar 1966; Pasquale Grech v. Publio Farrugia noe, Appell, 4 ta' April 1997). ... ġjaladarba ssubentrat iċ-ċessazzjoni tal-kirja oriġinali, kif hekk jirriżulta li hu l-każ hawnhekk, din iġġib din il-konsegwenza. "Ladarba jispiċċa t-titolu ta' inkwilin, jispiċċa ukoll it-titolu derivattiv bħala subinkwilin mhux rikonoxxut mis-sid. Dan in omaġġ għall-prinċipju 'cessante jure dantis cessat jus adquirentis' - Cecil Pace v. Nutar Vincent Maria Pellegrini" Appell Civili, 19 ta' Ottubru 1962, "Gulab Chatlani v. George Grixti" Appell, Kummerċ, 2 ta' Diċembru 1991. Anke kieku stess u dan qed jiġi rilevat għall-grazzja ta' l-argument biss, "is-sid kien ippermetta s-sullokazzjoni - fatt dan li fil-każ de quo ma jokkorrix - dan xorta waħda ma jbiddel xejn għaliex anke fejn mogħtija espressament il-fakoltà fil-ftehim tal-kirja, is-sullokazzjoni ma toħloq ebda relazzjoni bejn sid il-kera u s-sub-kondottur, u bl-ebda mod ma tbiddel jew taffettwa l-kundizzjonijiet tal-lokazzjoni bejn is-sid u l-kerrej" -*

---

[30] Xhieda mogħtija waqt is-sedut tas-7 ta' Frar 2011, fol. 32 sa' 35 tal-proċess.
[31] Fol. 140 tal-proċess.
[32] Fol. 141 tal-proċess.
[33] Enfasi tal-Qorti.

*Francesco Fenech v. Generoso Ellul, Appell, Sede Inferjuri fis-16 ta' Lulju 1980*[34].

Għalkemm il-konvenuti baqgħu in okkupazzjoni tal-ħanut in kwistjoni wara t-terminazzjoni tal-kirja a favur l-attriċi, huma baqgħu hekk in okkupazzjoni bl-awtorizzazzjoni u permess tal-Kummissarju ta' l-Artijiet, hekk kif jirriżulta kemm mix-xhieda ta' Albert Mamo mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2011[35] kif ukoll mill-iskritturi iffirmati bejn il-Kummissarju ta' l-Artijiet u l-konvenuti datati 22 ta' Marzu 2010, u mhux in forza tal-ftehim li kellhom ma' l-attriċi. Għaldaqstant, jiġi ribadit li l-pretensjoni ta' l-attriċi fil-konfront tal-konvenuti hija limitata għax-xhur ta' Novembru u Diċembru 2009 u b'hekk l-ammont ta' kera li hija għandha pretensjoni fuqu huwa ta' **€1,766.66**[36].

Fir-Risposta tagħhom il-konvenuti jikkontendu ulterjorment illi ladarba l-attriċi ma kellha l-ebda dritt li tissulloka l-ħanut Nru.14, Kismet, Misraħ il-Ħelsien, Valletta, mikri lilha mill-Gvern, isegwi li hija ma għandha l-ebda dritt tiġbor kera mingħandhom. Il-Qorti però tqis li din il-kontestazzjoni hija legalment insostenibbli u bħala tali ma tistax u ma għandhiex tiġi milqugħa.

Huwa ġuridikament assodat illi *s-sullokazzjoni a differenza ta' ċessjoni ta' drittijiet, oltre li ma tirrikjedix il-miktub għas-sussistenza tagħha 'toħloq kuntratt ġdid ta' kiri, li għalih sid il-kera prinċipali huwa totalment estraneu u li hu nettament distint mill-kuntratt oriġinarju tal-kirja prinċipali; u għalhekk, quddiem sid il-kera, is-subinkwilin huwa terza persuna*[37]. Minn dan isegwi għalhekk li s-sullokazzjoni toħloq rapport ġuridiku u vinkolanti bejn l-inkwilin u s-subinkwilin u konsegwentement it-termini tal-ftehim ta' bejniethom, inkluż il-ħlas tal-kera mifthema, jridu jiġu debitament onorati indipendentement mill-fatt jekk is-sid ikunx ta l-awtorizzazzjoni u permess għal tali sullokazzjoni. Mill-Liġi jirriżulta ċar li f'każ li s-sullokazzjoni ssir mingħajr il-permess u awtorizzazzjoni tas-sid, l-istess sid għandu d-dritt jittermina l-kirja oriġinali iżda minn imkien ma jirriżulta li jista' jew għandu d-dritt jattakka l-validità u vinkolu legali tal-ftehim ta' sullokazzjoni bejn il-partijiet kontraenti relattivi. Għaldaqstant, fil-każ in eżami l-konvenuti, *qua* subinkwilini, għandhom l-obbligu li jħallsu l-kera dovuta lill-attrici għas-sullokazzjoni tal-ħanut Nru.14, Misraħ il-Ħelsien, Valletta, saż-żmien meta l-ftehim tagħhom ma' l-attriċi intemm peress illi l-lokazzjoni oriġinali ġiet terminata. B'hekk il-konvenuti huma obbligati li jħasslu l-kera dovuta għax-xhur ta' Novembru u Diċembru tas-sena 2009.

---

[34] Patri Gulju Bonnici noe v. Raymond Mifsud et, Appell Ċivili Nru. 633/92 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Jannar 2003.
[35] Fol. 32 sa' 35 tal-proċess.
[36] €4,416.66x2÷5= €4,416.66
[37] Baruni Gino Trapani Galea Ferriol pro et noe et v. Paola Deguara et, Appell Ċivili Nru. 3/00 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-1 ta' Diċembru 2004.

Il-konvenuti jeċċepixxu wkoll illi mis-somma mitluba mill-attriċi għandha titnaqqas is-somma ta' €1,745.81 rappreżentanti arretrati ta' kera dovuti mill-attriċi lill-Gvern ta' Malta u li ġew invece mħallsa minnhom.

Meta din l-eċċezzjoni u konsegwenti pretensjoni tal-konvenuti tiġi kkunsidrata fid-dawl tal-provi prodotti u b'mod partikolari fid-dawl tax-xhieda[38] ta' u dokumenti[39] esebiti minn Helen Farrugia, fiż-żmien in kwistjoni Assistant Principal fil-Cash Office tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, jirriżulta li s-somma ta' €1,745.81 tikkonsisti fis-somma ta' €1,163.87 rappreżentanti arretrati ta' kera għall-perijodu bejn l-1 ta' Lulju 2009 u l-31 ta' Diċembru 2009 u fis-somma ta' €581.93 rappreżentanti ħlas għall-okkupazzjoni tal-ħanut Nru.14, Kismet, Misraħ il-Ħelsien, Valletta, bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-31 ta' Marzu 2010.

Ladarba s-somma ta' €1,163.87 tirrappreżenta arretrati ta' kera għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009, ossia l-aħħar perijodu tul liema kienet għadha in vigore l-lokazzjoni oriġinali, jsegwi li dan l-ammont kien dovut lill-Kummissarju ta' l-Artijiet mill-attriċi *qua* inkwilin. Mill-provi prodotti u senjatament mid-dokument Dok. "HF8" a fol. 123 tal-proċess, jirriżulta li dan l-ammont, li kien għadu pendenti fiż-żmien meta tħallas il-kumpens *ex graita* lill-konvenuti, kellu jitħallas mill-konvenuti dakinhar li huma rċevew il-kumpens *ex gratia* mingħand il-Kummissarju ta' l-Artijiet. Li dan l-ammont ma tħallasx mill-attriċi iżda mill-konvenuti huwa rikonoxxut mill-attriċi stess fix-xhieda li tat waqt is-sedutata' l-14 ta' Lulju 2015[40]. Fid-dawl ta' dan għalhekk huwa evidenti li l-konvenuti għandhom dritt għall-ħlas lura ta' din is-somma ta' €1,163.87 u għaldaqstant l-attriċi għandha debitu fil-konfront tagħhom li għandu jiġi paċut mad-debitu tagħhom ma' l-attriċi.

Peress illi tul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-31 ta' Marzu 2010 il-konvenuti kienu qed jokkupaw il-ħanut in kwistjoni bl-awtorizzazzjoni tal-Kummissarju ta' l-Artijiet u mhux bis-saħħa tal-ftehim li kellhom ma' l-attriċi, liema ftehim ġie fi tmiemu hekk kif ġiet terminata l-kirja oriġinali favur l-attriċi b'effett mill-31 ta' Diċembru 2009, jirriżulta li s-somma ta' €581.93 kienet dovuta lill-Kummissarju ta' l-Artijiet/Gvern ta' Malta direttament mill-konvenuti u mhux mill-attriċi. B'hekk dan l-ammont ma jistax u ma għandux jiġi paċut ma' l-ammont pretiż mill-attriċi.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk jirriżulta li b'effett tat-tpaċija bejn id-debitu tal-konvenuti versu l-attriċi u d-debitu ta' l-istess attriċi versu il-konvenuti, l-ammont dovut mill-konvenuti lill-attriċi huwa ta' **€602.79**.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti, tilqa' in parte t-tielet eċċezzjoni sollevata minnhom u konsegwentement tilqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma ta' €602.79 u tikkundanna lill-konvenuti, flimkien u *in solidum bejniethom*,

---

[38] Vide xhieda mogħtija Waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju 2015, fol. 127 sa' 133 tal-proċess
[39] Dok. "HF1" sa' Dok. "HF9" a fol. 110 sa' 126 tal-proċess.
[40] Fol. 135 sa' 138 tal-proċess.

iħallsu lill-attriċi s-somma ta' €602.79, bl-imgħax dekoribbli mit-23 ta' Ġunju 2010, id-data meta l-konvenuti ħallsu l-arretrati ta' kera dovuti mill-attriċi, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati in kwantu għal 2/3 mill-attriċi u 1/3 mill-konvenuti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**